# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 436

KAZ NRU 602

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Alfred Meli
u
Bezzina Ship Repair Yard
dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 12 ta' Mejju 1992

Chairman: Is-Sur Maurice J V Bonello, M.B.E.

### 1 PRELIMINARI

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal permezz ta' ittra tal-Ministru tal-Politika Socjali datata 19 ta' April 1991, skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) ta' l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta).

L-appellant kien mghejjun mill-Avukati l-Onor. Dr J Brincat, M.P. fl-ewwel seduta u sussegwentement minn Dr M Hayman, waqt li l-Kumpanija kienet mghejjuna mill-Avukat Dr Pio Valletta.

Fil-bidu tas-seduta, kif ukoll fl-istatement of case, il-Kumpanija qajmet eccezzjoni preliminarja li tghid hekk:

> "Illi dan il-kaz ma jista' qatt jitqies bhala wiehed ta' tkeccija stante illi dak li kien hemm fil-fatt kienet terminazzjoni ta' impjieg bi ftehim ma' l-istess appellant wara diskussjonijiet ma' l-Union

.../2

> li kienet sal-mument tat-terminazzjoni tirrapprezentah u dan kif jigi ppruvat f'aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kaz."

Ghalhekk, it-Tribunal ghadda biex jittratta din l-eccezzjoni l-ewwel.

## 2 RIZULTANZI

Alfred Meli kien gie mpjegat ma' Bezzina Shipyard bhala Electrician fis-16 ta' Gunju 1969 u l-impjieg tieghu kien gie terminat fit-18 ta' Frar 1991 mill-Kumpanija, on medical grounds. Meli allega illi din it-terminazzjoni kienet tkeccija ngusta u appella lit-Tribunal.

## 3 PROVI

Mix-xhieda, partikolarment tas-Sur Ronnie Pellegrini, Segretarju tat-Taqsima tal-Metall tal-G.W.U. u tas-Sur Anthony Bezzina, Direttur ta' Bezzina Shipyard, irrizulta car illi Alfred Meli kellu storja twila ta' 'absenteeism' minhabba mard. Tant li l-Kumpanija kemm-il darba wissietu illi ma setghetx zzommu fl-impjieg taghha jekk jibqa' sejjer hekk. Minkejja dawn it-twissijiet, il-Kumpanija dejjem taghtu cans iehor sakemm fl-ahhar ma felhitx izjed u tterminatlu l-impjieg fit-18 ta' Frar 1991, wara li hallsitu l-beneficcji li kienu dovuti lilu u li kienu jammontaw ghal Lm113.62c.

Is-Sur Pellegrini, li kien intiz sew fuq dan il-kaz, ghaliex kemm-il darba kien indahal mal-Kumpanija ghan-nom ta' Alfred Meli, kien imbaghad ghamel laqgha mal-Kumpanija. Minn din il-laqgha rrizulta illi kellhom zewg ghazliet, jew isir ftehim mal-Kumpanija fuq it-terminazzjoni ta' l-impjieg

jew jappellaw lit-Tribunal Industrijali. Alfred Meli kien midhla f'dawn id-diskussjonijiet, u skond is-Sur Pellegrini, bil-kunsens tieghu, sar ftehim illi jithallas "ex gratia", is-somma ta' Lm418, li hija ekwivalenti ghal tmien gimghat paga. Fil-fatt, Alfred Meli kien accetta c-cheque ghal dan l-ammont u sarrfu.

4 <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Ghalkemm Alfred Meli sostna illi accetta c-cheque ghax 'kellu daru mal-hajt', fir-rigward ta' flus, u ghaliex is-Sur Pellegrini kien wissieh illi biex imur quddiem it-Tribunal kien ikollu jistenna, mill-inqas sena, huwa car u evidenti illi l-Union li taghha kien membru fil-gudizzju taghha, ma rat l-ebda triq ohra ghalih, peress li ga kien car u ser jigi mkecci darba ohra mill-Kumpanija, u fil-fatt tkecca u gie 'reinstated' fuq intervent ta' l-istess Union. Is-Sur Pellegrini fix-xhieda tieghu kien ghamilha car lil Meli li jew jaccetta kumpens jew imur quddiem it-Tribunal.

Tajjeb jew hazin, is-Sur Meli accetta li jiehu l-kumpens, u fil-fatt ha c-cheque ta' 418 liri maltin u sarrfu.

Wiehed ghandu wkoll jikkonsidra l-pozizzjoni tal-Kumpanija. Il-Kumpanija kienet waslet ghall-konkluzjoni li minhabba perjodi twal ta' assenza mix-xoghol, ma setghetx izzomm lis-Sur Meli fl-impjieg taghha aktar. B'danakollu, il-Kumpanija accettat illi thallas lis-Sur Meli kumpens ta' Lm418, liema somma hija ekwivalenti ghal tmien gimghat paga - 'notice money' kif provdut fil-Ligi.

Il-fatt illi s-Sur Meli accetta din is-somma jikkonferma l-ftehim milhuq bejn il-Kumpanija u l-Union.

Fuq kollox, it-Tribunal ghamel din il-mistoqsija lill-appellant:

> "Ara Sur Meli, s-Sur Pellegrini qal minghajr tlaqliq u bil-gurament, illi lilek qallek bil-posizzjoni. Lilek spjegalek il-posizzjoni, irnexxielu jgib cekk u rnexxielu jgib is-somma ta' Lm418 u tak ic-cekk f'idejk, sewwa, spjegalek ta' x'hiex kien ic-cekk u inti rringrazzjajtu, irringrazzjajt lil tal-Kumpanija, irringrazzjajt lil kulhadd. Veru dan? Iva jew le?."

U Alfred Meli wiegeb "Iva" (v xhud tas-6 ta' April 1992 p.4).

5 DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal hu ta' l-opinjoni illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Alfred Meli, ghalkemm mhux ezattament simultaneja mal-ghotja ta' Lm418, hija, kollox ma' kollox, rizultat ta' ftehim bejn il-Kumpanija u l-Union u ghalhekk dan it-Tribunal hu ta' l-opinjoni li ghandu jillibera lill-Kumpanija mill-osservanza ta' kull gudizzju.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal qed jintaxxa d-drittijiet tal-konsulenti tal-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Maurice J V Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mm